# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 818/2012 SM**

**Maria Carmela Xuereb**
**(I.D. No. 0162260(M)**

**vs.**

**Chantel Xuereb Mulvaney**
**(I.D. No. 460378(M)**

**u**

**David Xuereb**
**(I.D. No. 42873(M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat l-14 t'Awwissu, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi hi tigi oht l-intimat David Xuereb;

1.2. Illi l-intimata Xuereb Mulvaney hi l-mara ta' l-intimat David – hu r-rikorrenti;

1.3. Illi selfet ammont ta' flus *brevi manu* lill-intimati flimkien ghas-segwenti ragunijiet:

1.3.1. Ghall-pagament tat-tieg tal-intimati;

1.3.2. Ghall-bilanc ghall-hlas ta' karozza;

1.3.3. Ghall-affarijiet ohra varji;

1.4. Illi informat lill-intimati kemm- il darba biex ihallsu lura l-ammont lilhom minnha misluf;

1.5. Illi l-ammont komplessiv misluf mir-rikorrenti lill-intimati *in solidum* jammonta ghal wiehed u erbghin elf, mitejn u wiehed u tmenin euro u seba' u erbghin centezmu, (€41,281.47);

1.6. Illi dan l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti kien misluf lill-intimati mill-1998 sa l-2010;

1.7. Illi taf li l-intimati mhux propensi li jirrifondu l-imsemmi ammont lilhom minnha misluf;

1.8. Illi *di piu`*, il-hajja matrimonjali tal-intimati illum sfaxxat;

1.9. Illi *nonostante* li debitament interpellat lill-intimati ghall-ammont lilha minnhom dovut flimkien mall-interessi involuti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.10. Illi konsegwentement ir-rikorrenti kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-intimata *in solidum* fis-somma ta' €41,281.47, u/jew somma ohra verjuri lilhom mislufa f'dati differenti;

1.10.2. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu s-somma indikata fil-paragrafu precedenti u/jew somma ohra verjuri, flimkien mal-imghaxijiet mis-16 ta' Lulju, 2012, sal-pagament effettiv;

1.10.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-10 ta' Dicembru, 2012, li permezz taghha l-intimata Chantel Xuereb Mulvaney sintetikament irrilevat is-segwenti:

2.1. Illi l-intimati ilhom separati mill-2009;

2.2. Illi in effetti kienu gia` bdew proceduri ghas-separazzjoni fl-2004 u sseparaw b'sentenza datata l-24 ta' Gunju, 2004;

2.3. Illi kwalunkwe dejn li zewgha l-intimat l-iehor kien ikkuntratta mar-rikorrenti kien jinhtieg il-kunsens taghha;

2.4. Illi dan il-kunsens qatt ma intalab;

2.5. Illi minflok jirrizulta li kollox sar bil-habi taghha – jekk mhux b'qerq;

2.6. Illi l-intimata odjerna m'ghandiex taghmel tajjeb ghall-istess dejn;

2.7. Illi *di piu`*, l-ammont pretiz hu preskritt *ai termini* tal-artiklu 2156(e) u (f) tal-Kodici Civili;

2.8. Illi l-ammont pretiz hu ezagerat;

2.9. Salv risposti ohra;

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat David Xuereb datata z-19 t'April, 2013, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti: (ara foll 159)

3.1. Illi hu minnu li hu u l-intimata l-ohra ssellfu l-ammont mitlub mir-rikorrenti;

3.2. Illi jinhtieg li l-ammont involut jigi verifikat;

4. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu wara talba tal-abbli rapprezentanti legali prezenti, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 297);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata Chantel Xuereb Mulvaney datata z-19 ta' Settembru, 2016, (ara foll 300);

6. Tirrileva li kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimat David Xuereb ghazlu li ma jottemporawx ruhhom mad-digriet precedentement indikat fil-paragrafu numru tlieta (3.) aktar qabel;

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati in atti;

Ikkunsidrat:

9. Illi in sintesi, r-rikorrenti – oht l-intimat fuq indikat – qed titlob li l-intimati *in solidum* ihallsuha s-somma fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.) aktar qabel), li hi ssosstni li sellfet lill-istess intimati *brevu manu*;

10.0. Illi l-istess rikorrenti ssosstni li selfet l-imsemmi ammont lill-intimati meta dawn kienu ghadhom mizzewgin billi: (ara foll1)

10.1. Hallsitilhom it-tieg taghhom;

10.2. Hallsitilhom il-karozza li kienu xtraw;

10.3. Hallsitilhom affarijiet ohra;

11.0. Illi min-naha taghha l-intimata Xuereb Mulvaney issosstni sintetikament is-segwenti: (ara foll 151);

11.1. Illi kull self addebitat lilha jinhtieg il-kunsens taghha *stante* li jammonta ghal att ta' amministrazzjoni straordinarja;

11.2. Illi l-istess self hu preskritt *ai termini* tal-artiklu 2156(e) u (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

11.3. Illi effettivament l-ammont mitlub mir-rikorrenti hu esagerat;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi min-naha tieghu l-intimat Xuereb sintetikament isosstni s-segwenti:

12.1. Illi hu minnhu li hu u l-intimata l-ohra ssellfu l-flus minghand ir-rikorrenti;

12.2. Illi pero` jinhtieg li jigi ivverifikat l-ammont hekk misluf;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi rigward l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata, (ara paragrafu numru hdax punt wiehed, (11.1.), aktar qabel), jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 1322 (3) (f) tal-Kodici Civili s-self ta' flus lill-parti fiz-zwieg jammonta effettivament ghall-att ta' natura straordinarja;

13.2. Illi konsegwentement kif teccepixxi l-istess intimata biex dan id-dejn ikun konkretizzat fil-konfront tal-istess intimata, dan jirrikjedi li jkun hemm il-kunsens taz-zewg konjugi biex ikun konkretizzat;

14. Illi l-att t'amministrazzjoni li ma jkunx relatat ma' xi kummerc, negozju, jew professjoni, dejjem jinhtieg - *ad validitatem* – il-kunsens jew il-participazzjoni taz-zewg konjugi involuti;

15. Illi infatti, fl-assenza ta' tali kunsens jew partecipazzjoni, il-parti li ma tkunx hadet sehem f'dak l-att t'amministrazzjoni straordinarja allegat, ghandha r-rimedji debitament provduti fil-ligi – senjatament kif provdut fl-artiklu 1326 tal-istess Kap 16 fuq riferit;

16.0. Illi konsegwenza tal-istess tali atti li jkunu jinhtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewgin izda li jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu jkunu annullati fuq talba tal-parti l-ahhar imsemmija meta:

16.1. Dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-holqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjeta` immobbli – li mhux il-kaz hawn; u meta

16.2. Dawk l-atti jkunu dwar proprjeta` mobbli dawn jistghu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw b'titolu gratuwitu;

16.3. Illi kull azzjoni ghal annullament tista' tittiehed biss mill-parti li kien mehtieg il-kunsens taghha u fiz-zmien perentorju ta' tliet (3) snin;

16.4. Illi t-terminu indikat fil-paragrafu precedenti jibda jiddekorri – skont liem tkun l-ewwel data:

16.4.1. Jew mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att;

16.4.2. Jew mid-data ta' registrazzjoni;

16.4.3. Jew mid-data li fiha tintemm il-kommunjoni tal-akkwisti;

Ikkunsidrat:

17. Illi mill-atti in dizamina dak eccepit mill-intimata ma jirrizultax li gie debitament ipprovat skont il-ligi;

18. Illi minflok jirrizulta li l-intimata kienet konsapevoli tad-dejn li hi u l-intimat l-iehor ikkonkretizzaw minn mar-rikorrenti;

19. Illi kif jirrizulta mill-iskrittura privata datata t-23 ta’ Mejju, 2009, (ara foll 268), l-istess intimata Xuereb Mulvaney espressament irrikonoxxiet u irratifikat id-dejn moghti mir-rikorrenti lilha u lill-intimata Xuereb – l-ex-ragel taghha;

20. Illi ghalhekk jirrizulta debitament assodat li allura l-istess intimata kienet taf bid-dejn in dizamina u li *di piu`*, kienet allura wkoll tat il-kunsens taghha sabiex id-dejn *de quo* jigi debitament utilizzat mill-intimati;

21. Illi in vista tal-premess, l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat Xuereb Mulvaney ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi rigward it-tieni (2) u tat-tieled (3) eccezzjonijiet sollevati mill-intimata, (ara paragrafu numru hdax punt tnejn, (11.2.), u hdax punt tlieta, (11.3.), aktar qabel), jinghad sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hi preskritta *ai termini* tal-artikli 2156(e) u (f) tal-Kap 12;

22.2. Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti hu wiehed ezagerat;

23.0. Illi ghandu jkun pacifiku li dawn iz-zewg eccezzjonijiet hekk sollevati huma fil-fatt kontradittorji ghal xulxin u dan ghaliex:

23.1. Fl-eccezzjoni meta l-intimata qed teccepixxi l-preskrizzjoni, allura qeghda tichad li ghandha taghti l-ammont indikat fir-rikors guramentat promotur;

23.2. Fl-eccezzjoni l-ohra fejn issosstni li m’ghandiex taghti l-ammont li r-rikorrenti qed tippretendi minnha, allura qeghda issosstni li effettivament ghandha twiegeb ghat-talba tar-rikorrenti – ghalkemm mhux fl-ammont minnha pretiz;

Ikkunsidrat:

24. Illi ghalhekk issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***Consiglio Livori vs. Jacksons Company Limited***, datata s-***27 ta' Mejju, 2015***, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita hija inkompatibbli mas-sistema ta' difiza (fit-tielet eccezzjoni fuq elenkata) adottata mis-socjeta` konvenuta li l-ammont huwa ezagerat. Li kieku s-socjeta` konvenuta appellanti waqqfet wara t-tieni eccezzjoni, (u cioe` li l-ammont huwa preskritt u li hija mhix id-debitrici), ma kien ikun hemm ebda inkompatibilita` bejn l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti. Mandanakollu, is-socjeta` appellanti ghazlet li tressaq bhala difiza taghha l-eccezzjoni dwar l-ammont reklamat bhala wiehed esagerat. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet flimkien huma inkonciljabbli u inkompatibbli. Huwa minnu dak li tghid is-socjeta` appellanti illi hija tadotta wkoll il-linja tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu, pero` hija eccepiet ukoll li l-ammont huwa esagerat, liema eccezzjoni timporta rikonjizzjoni u l-ammissjoni tad-dejn filwaqt li tikkontesta l-*quantum* tal-istess dejn. Bir-rikonjizzjoni tad-dejn, is-socjeta` konvenuta appellanti interrompiet kif ukoll tacitament irrinunzjat ghall-preskrizzjoni li qed tiddekorri";

25. Illi konsegwenza tal-istess allura jinghad li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi ineffikaci inkwantu li inkompatibbli mat-tielet eccezzjoni illi l-ammont hu wiehed esagerat;

Ikkunsidrat:

26. Illi in vista tal-iskrittura privata redatta mill-intimati fit-23 ta' Mejju, 2009, jirrizulta assodat li r-rikorrenti effettwat self ta' flus *brevi manu* lill-intimati, (ara foll 268);

27. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll assodat mid-dikjarazzjoni guramentata ta' Josephine Xuereb – omm ir-rikorrenti u l-intimat David Xuereb – li ssosstni li l-istess rikorrenti bintha kienet

awtorizzata timmaniggja u ssellef il-flus lill-intimati David u lil Chantel biex jaghmlu li hemm bzonn ghat-tieg taghhom, ghad-dar, u ghal affarijiet ohra, (ara foll 200);

28. Illi *di piu`*, l-istess Josephine Xuereb indikata fil-paragrafu precedenti ssosstni wkoll li:

> "...dawn il-pagamenti kif jidhru fid-dokumenti MCX1 sa MCX7 inkluzi, thallsu minn flejjes ta' binti Maria Carmela Xuereb u din hi l-verita` kollha, (ara foll 201 u foll 5 sa 38 rispettivament);

29. Illi oht ir-rikorrenti, Maria Dolores Zammit Xuereb issosstni wkoll bil-gurament taghha li taf li ohtha r-rikorrenti, kienet:

> "... sellfitilhom flejjes minn zmien ghal zmien, kemm ghall-bzonnijiet tat-tieg taghhom, kif ukoll sabiex jirrangaw id-dar taghhom u .... meta dahhlu f'hafna problemi mal-kumpanija tal-Fiat f'Malta sabiex ihallsu s-self tal-vettura", (ara foll 244);

30. Illi finalment jinghad ukoll li l-hlasijiet ghall-*"loan facility"* li r-rikorrenti kienet effettwat lill-intimati jirrizultaw ukoll mill-ittra rilaxxata fir-rigward lill-istess rikorrenti mill-Bank of Valletta u hi datata d-9 ta' Frar, 2002, (ara foll 271);

31. Illi pero` jigi hawn sottolineat li *nonostante* li jirrizulta assodat li r-rikorrenti verament effettwat self lill-intimati, il-*quantum* involut ma jirrizultax indikat bi precizjoni;

Ikkunsidrat:

32. Illi *nonostante* s-suespost jigi wkoll sottolineat li s-self effettwat mir-rikorrenti lill-intimati jirrizulta li gie debitament rikonoxxut mill-istess intimati fl-iskrittura privata datata t-23 ta' Mejju, 2009, (ara foll 268);

33. Illi ghalkemm din l-iskrittura hi dikjarazzjoni unilaterali tal-intimati li permezz taghha jiddikjaraw li l-intimata Chantel Xuereb Mulvaney ghandha taghti lil Carmen Xuereb, (ir-rikorrenti), l-ammont ta' €5,916.60, (ara foll 268), ghas-self maghmul mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

34. Illi min-naha taghha r-rikorrenti tallega li ghandhu tiehu mill-intimati ammont ferm akbar minn dak indikat fil-paragrafu precedenti, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel);

35. Illi ovvjament hawn japplika l-principju li minn jallega jrid jipprova;

36. Illi in effetti, ghalkemm jirrizulta l-ezistenza tas-self rikjamat mir-rikorrenti *stante* li gie espressament rikonoxxut fl-iskrittura privata ta' bejn l-intimati datata t-23 ta' Mejju, 2009, (ara foll 268), pero` l-ammont ta' €41, 281.47 rikjamat mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha, (ara foll 1), ma' jirrizultax mill-atti riprodotti;

37. Illi ghall-kuntrarju jirrizulta li r-rikorrenti hi dovuta ammont ferm anqas, (ara paragrafu numru tlieta u tletin, (33.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

38.0. Illi minn verifika metikoluza tal-ammont rikjamat mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

38.1. **Il-Hlasijiet rigwardanti t-Tieg tal-Intimati:**

38.1.1. Dan il-pagament ma jirrizultax li kien gie attwalment effettwat mir-rikorrenti;

38.2. **Il-Hlasijiet rigwardanti l-Vettura in dizamina:**

38.2.1. Il-pagamenti rikjamati mir-rikorrenti ma jirrizultawx li saru;

38.3. **Il-Hlasijiet rigwardanti Affarijiet Ohra:**

38.3.1. Ma jirrizultax ipprovat li r-rikorrenti halset ghall-fattura fl-ammont ta' Lm470.00, (ara foll 5);

38.3.2. Illi rigward il-fattura tas-socjeta` *Framegrip Industries Limited* rigwardanti l-ammont ta' Lm288.00, jinghad ukoll li ma jirrizultax li sar xi hlas fir-rigward, (ara foll 6), *stante* li l-istess dokument in atti hu biss "fattura" u mhux ircevuta ta' pagament;

38.3.3. Illi l-istess indikat fil-paragrafu precedenti jista' jinghad fir-rigward tal-fattura rilaxxata mis-socjeta` Agius Marble Works Limited, rigwardanti l-ammont ta' Lm430.00, hemm indikat (ara foll 9);

38.3.4. Illi rigward id-dokument a foll 19 rigwardanti s-socjeta` Titan International Limited, jinghad li l-pagament hemm indikat ma sarx mir-rikorrenti ghan-nom tal-intimati kif minnha rikjamat;

38.3.5. Illi rigward il-pagament ta' €1,650.00 effettwat mir-rikorrenti lis-socjeta` Chris Falzon Blasting Services, jinghad li jirrizulta assodat li din tammonta ghall-ircevuta rilaxxata f'isem ir-rikorrenti datata t-2 t'April, 2009, u tikkostitwixxi prova li l-istess ammont thallas mir-rikorrenti f'isem l-intimati;

38.3.6. Illi rigward il-pagament effettwat lil Calleja Woodworks permezz ta' *bankdraft* tal-Bank of Valletta ammontanti ghal – Lm1,400.00, u datat il-5 ta' Jannar, 2001, jinghad li dan inhareg fuq il-genituri tar-rikorrenti kif ikkonfermat ukoll sussegwentement mix-xhieda ta' David Calleja ta' Calleja Woodworks, (ara foll 189);

38.3.7. Illi l-istess hi fortifikata mill-fatt li fid-dikjarazzjoni guramentata taghha datata l-20 ta' Frar, 2014, (ara foll 200), l-istess omm ir-rikorrenti tafferma li kienet munita bid-debita prokura rilaxxata minn bintha r-rikorrenti biex tkun tista' teffettwa tali pagamenti f'isimha;

38.3.8. Illi konsegwentement dan l-ammont ta' Lm1,400.00, ekwivalenti ghal €3,262.00, hu wkoll dovut mill-intimati lir-rikorrenti;

38.3.9. Illi ghalhekk in vista tal-pagamenti effettwati lil Chris Falzon Blasting Services, (ara paragrafu numru tmienja u tletin punt tlieta punt hamsa, (38.3.5.), aktar qabel ammontanti ghal - €1,650.00), u lil Calleja Woodworks, (ara paragrafu numru tmienja u tletin punt tlieta punt sitta, (38.3.6.), aktar qabel, ammontanti ghal - €3,262.00), l-ammont komplessiv li jirrizulta pprovat mir-rikorrenti bhala l-ammont li l-intimati ghandhom jirrifondu lir-rikorrenti jammonta ghal €4,912.00;

Ikkunsidrat:

39. Illi f'dan l-istadju issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell (Inferjuri)***, fl-ismijiet ***Hans Jochim Link u Rita Link vs. Raymond Mercieca***, datata t-***12 ta' Jannar, 2001***, li tirrileva s-segwenti:

> "...principju bazilari ta' dritt illi, f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta. L-applikazzjoni tal-principju ***actore non probante reus absolvitur*** kienet essenzjalment ezercizzju ta'analizi ta' provi fil-procedura civili. Dan il-principju mhux biss kien wiehed legalment san, imma kien ukoll regolatur fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi fil-kamp civili";

Ikkunsidrat:

40. Illi fid-dawl tal-analisi fuq elenkat jirrizulta li mis-somma ta' €41,281.47 rikjamata mir-rikorrenti l-istess jirrizulta li pprovat biss li hi effettivament ghamlet pagament komplessivament ammontanti ghal €4,912.00, (ara paragrafu numru tmienja u tletin punt tlieta punt disgha, (38.3.9.), aktar qabel);

41. Illi pero`, *nonostante* dak indikat fil-paragrafu precedenti, l-iskrittura fuq riferita datata t-23 ta' Mejju, 2009, (ara foll 268), l-intimati kkristallizzaw il-posizzjoni taghhom fir-rigward tal-ammont li fih hemm iddikjaraw li ghandhom jaghtu lir-rikorrenti ghas-self lilhom minnha koncess;

42. Illi l-ammont hemm hekk minnhom kristallizzat jammonta minflok ghal €5,916.60, (ara foll 268);

43. Illi ghalhekk, *nonostante* ir-rizultanzi *in atti*, (ara paragrafu numru erbghin, (40), hu l-ammont kif specifikament likwidat mill-intimati fl-iskrittura *de quo* li ghandu jigi dikjarat ghalhekk li ghandu minnhom, jigi rifuz lir-rikorrenti, (ara foll 268);

Ikkunsidrat:

44.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li fil-limiti fuq ezawrjentement indikati, r-rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

44.1. Tiddikjara li l-intimati Chantel Xuereb Mulvaney u David Xuereb huma debituri *in solidum* fil-konfront tar-rikorrenti;

44.2. Tillikwida l-ammont li l-istess intimati fuq indikati ghandhom jaghtu ghalhekk lir-rikorrenti Maria Carmela Xuereb minnha lilhom misluf hu ta' hamest elef, disa' mija u sittax- il euro u sittin centezmu, (€5,916.60);

44.3. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati biex ihallsu s-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti lill-imsemmija rikorrenti;

44.4. Bl-ispejjez kif elenkati fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet fuq l-ammont hekk likwidat mis-16 ta' Lulju, 2012, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati.

____________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**